

Brussell, 1 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

10901/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0211(BUD)

---

---

FIN 741

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 350 final
Suġġett:	Abbozz tal-Baġit Emendatorju Nru 4 GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2022 Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tekniċi oħra

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 350 final.

Mehmuż: COM(2022) 350 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.7.2022  
COM(2022) 350 final

2022/0211 (BUD)

**ABBOZZ TAL-BAĠIT EMENDATORJU Nru 4  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2022**

**Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tekniċi oħra**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif adottat fl-24 ta' Novembru 2021<sup>3</sup>,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2022<sup>4</sup>, adottat fil-5 ta' April 2022,
- l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2022<sup>5</sup>, adottat fit-13 ta' April 2022,
- il-baġit emendatorju Nru 2/2022<sup>6</sup>, adottat fit-23 ta' Ġunju 2022,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4 tal-baġit tal-2022.

## **BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Indivdwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

<sup>3</sup> ĠU L 45, 24.2.2022.

<sup>4</sup> ĠU L 142, 20.5.2022.

<sup>5</sup> COM(2022) 250 final.

<sup>6</sup> ĠU L xx, xx.x.2022.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. INTRODUZZJONI

L-għan ewlieni tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2022 huwa li jaġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi:

- it-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2022 li ġew approvati mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fit-23 ta' Mejju 2022. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar il-previżjonijiet tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
- biex jiġi aġġornat dħul ieħor bħall-kontribuzzjoni tar-Renju Unit, multi u oħrajn.

Barra minn hekk, l-ABE 4/2022 jinkludi żewġ aġġustamenti speċifiċi relatati man-nefqa:

- aġġustament tan-nomenklatura baġitarja wara l-possibiltajiet ġodda għall-Istati Membri li jittrasferixxu r-riżorsi tal-allokkazzjonijiet inizjali tagħhom tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-kapitolu REPowerEU tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) wara l-proposta tal-Kummissjoni għal REPowerEU fit-18 ta' Mejju 2022<sup>7</sup>;
- il-persunal addizzjonali mitlub għall-Eurojust wara l-estensjoni tal-mandat tagħha biex tiġbor u tippreserva l-evidenza dwar id-delitti tal-gwerra<sup>8</sup>. L-approprijazzjonijiet relatati fl-2022 se jiġu ffinanzjati permezz ta' riallokazzjoni interna, u għalhekk mhu meħtieġ l-ebda finanzjament addizzjonali għal dan il-għan.

---

<sup>7</sup> COM(2022) 231, 18.5.2022

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati, ĠU L 148, 31.5.2022.

## 2. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

### 2.1 Impatt ġenerali tal-ABE 4/2022 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

Il-previżjonijiet riveduti għall-2022 ġew miftiehma fil-185 laqgħa tal-KKRP fit-23 ta' Mejju 2022. L-aġġustamenti tan-naħa tad-dħul tal-baġit huma meħtieġa biex jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), l-Iskart mill-Imballaġġ Plastiku (PPW) mhux riċiklat u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), filwaqt li jitqiesu l-previżjonijiet ekonomiċi tar-Rebbiegħa (ara t-taqsimu 2.2).

Barra minn hekk, l-ammont ta' dħul ieħor huwa aġġornat biex iqis il-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit, il-multi msarrfa definittivament u l-pagamenti ta' penali sa Ġunju 2022, kif ukoll il-kontribuzzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) fir-rigward tar-rimborż tas-sehem tar-Renju Unit mill-assi netti lir-Renju Unit (ara t-taqsimiet 2.3, 2.4 u 2.5 rispettivament).

L-impatt globali tal-aġġustamenti kollha tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella fil-qosor hawn taħt. Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri: kif ibbaġitjati fil-Baġit 2022 adottat inizjali, kif inkluż fl-ABE 3/2022<sup>9</sup>, u finalment kif inkluż f'dan l-ABE 4/2022.

#### Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji skont l-Istati Membri (f'miljuni ta' EUR)

	Baġit 2022	ABE 3/2022	ABE 4/2022
	(1)	(2)	(3)
<b>BE</b>	6 951,0	6 847,3	6 888,9
<b>BG</b>	773,0	759,1	823,2
<b>CZ</b>	2 530,1	2 482,2	2 649,0
<b>DK</b>	3 369,8	3 298,0	3 266,8
<b>DE</b>	37 331,5	36 558,9	36 182,0
<b>EE</b>	349,6	343,5	365,5
<b>IE</b>	3 282,2	3 218,0	3 508,0
<b>EL</b>	2 026,3	1 988,6	2 002,8
<b>ES</b>	14 394,3	14 126,9	13 582,5
<b>FR</b>	27 993,8	27 461,4	26 984,5
<b>HR</b>	613,4	601,7	607,7
<b>IT</b>	19 908,0	19 527,5	19 747,6
<b>CY</b>	247,2	242,6	243,0
<b>LV</b>	370,9	364,1	384,1
<b>LT</b>	619,8	609,0	648,4
<b>LU</b>	486,2	476,6	551,3
<b>HU</b>	1 800,2	1 768,6	1 822,0
<b>MT</b>	152,7	149,9	154,7
<b>NL</b>	9 815,3	9 635,7	9 250,0
<b>AT</b>	3 764,7	3 679,8	3 617,0
<b>PL</b>	6 713,9	6 598,6	7 244,6

<sup>9</sup> COM(2022) 262 final, 22.4.2022

<b>PT</b>	2 515,2	2 469,4	2 387,8
<b>RO</b>	2 585,6	2 535,2	2 634,9
<b>SI</b>	585,0	574,6	636,2
<b>SK</b>	1 074,1	1 053,2	1 057,6
<b>FI</b>	2 657,5	2 604,0	2 526,3
<b>SE</b>	4 789,3	4 675,4	4 656,0
<b>UE</b>	<b>157 700,7</b>	<b>154 649,6</b>	<b>154 422,3</b>

## 2.2 Reviżjoni tal-previżjonijiet tal-bażijiet tal-RPT, VAT, PPW u tal-ING

F'konformità mal-Artikolu 44(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju<sup>10</sup>, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti. Skont il-prattika stabbilita, il-previżjonijiet riveduti tad-dħul huma miftiehma mal-Istati Membri fil-proċedura ta' previżjoni tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna l-previżjonijiet tar-RPT li jridu jitħallsu lill-baġit fl-2022 kif ukoll il-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT, PPW u tal-ING għall-2022. Il-previżjoni inkluża fil-baġit tal-2022 ġiet miftiehma fil-181 laqgħa tal-KKRP, li saret fis-26 ta' Mejju 2021 u fil-183 laqgħa tal-KKRP, li saret bi proċedura bil-miktub fit-3-9 ta' Settembru 2021. Ir-reviżjoni fl-ABE 4/2022 tikkunsidra l-previżjonijiet approvati fil-185 laqgħa tal-KKRP abbażi tad-DRP 2020. L-użu ta' previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji jtejjeb il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tad-dħul u konsegwentement tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu għall-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Il-projezzjonijiet tad-dħul tal-Kummissjoni huma bbażati fuq it-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni<sup>11</sup>, li jirrevedi l-prospetti tat-tkabbir 'l isfel, filwaqt li l-inflazzjoni hija pproġettata li tkun ogħla. Il-gwerra fl-Ukrajna taggrava l-intoppi għat-tkabbir li qabel kienu mistennija jonqsu: L-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna huma mistennija li jittestjaw ir-reżiljenza ekonomika tal-UE. Madankollu, l-output huwa pprojetat li jkompli jespandi matul l-orizzont tat-tbassir, bis-saħħa ta' miżuri ta' konteniment relatati mal-pandemija li qed jonqsu u l-ixprunaturi mill-azzjoni ta' politika b'saħħitha meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19. It-tkabbir tal-PDG reali kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro issa huwa mistenni li jkun ta' 2,7 % fl-2022, tnaqqis minn 4,4 % previst fit-tbassir tar-Rebbiegħa 2021.

Ix-xenarju ekonomiku li fuqu huwa bbażat il-baġit tal-2022 huwa kkonfermat b'mod ġenerali mill-aħħar stimi:

- Id-dazji doganali totali li għandhom jinġabru fl-2022, nett minn 25 % tal-kostijiet tal-għbir, huma mbassra għal EUR 20 479,8 miljun, u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 14,3 % meta mqabbel mal-previżjonijiet ta' EUR 17 912,6 miljun inklużi fil-baġit tal-2022. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodu ta' previżjoni tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq ir-rati ta' tkabbir imbassra ta' importazzjonijiet barra l-UE) mar-riżultati tal-metodu ta' estrapolazzjoni (ibbażat fuq l-aħħar data tal-eżitu għad-dazji doganali miġbura, jiġifieri Jannar – April 2022). Il-metodu tradizzjonali jidher li huwa aktar xieraq biex jaqbad l-impatt tal-avvenimenti attwali mill-metodu ta' estrapolazzjoni. Il-metodu tal-aħħar juri l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna biss minn Mejju 2022. Għalhekk, id-*data* estrapolata bbażata fuq l-ewwel erba' xhur x'aktarx li tissopravaluta d-dazji doganali f'din is-sena eċċezzjonali. Ir-riżultati tal-metodu tradizzjonali, ibbażat fuq id-*data* storika tal-2021 aġġustata mill-pagamenti b'rabta mal-istrateġija tal-infurzar u t-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa, huma mistennija li jkunu mgħammra aħjar biex janticijaw l-impatt tal-avvenimenti reċenti. Għalhekk,

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222).

<sup>11</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, 2022, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2022, Ekonomija Ewropea, Dokument Istituzzjonali 173.

ġie miftiehem fil-laqgħa tal-KKRP li r-reviżjoni tat-tbassir tal-RPT tal-2022 tiġi bbażata fuq il-metodoloġija tradizzjonali tat-tbassir. Dan huwa aktar adattat biex tiġi żgurata ġestjoni baġitarja soda f'kuntest ta' inċertezzi ekonomiċi għoljin u tfixkil potenzjali fix-xejriet kummerċjali.

- Il-bażi totali tal-VAT mingħajr limitu tal-UE għall-2022 issa hija mbassra għal EUR 6 588 601,0 miljun, u dan jirrappreżenta żieda ta' 3,2 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2021 ta' EUR 6 384 062,6 miljun. Il-bażi totali tal-VAT limitata tal-UE għall-2022<sup>12</sup> hija mbassra għal EUR 6 571 411,1 miljun, u dan jirrappreżenta żieda ta' 3,4 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2021 ta' EUR 6 357 129,3 miljun. Il-previżjonijiet aġġornati jqisu d-definizzjoni simplifikata tal-bażi tal-VAT kif ipprovduta mid-DRP 2020.
- It-tbassir tal-PPW mhux riċiklat fl-UE jammonta għal 8 840 522,1 tunnellata fl-2022, li huwa żieda ta' 5,4 % meta mqabbel mat-tbassir ta' Mejju 2021 ta' 8 388 536,2 tunnellata. Il-kontribuzzjonijiet korrispondenti tal-Istati Membri li ġejjin mill-PPW huma ppreżentati fit-Tabella 3 tal-anness baġitarju meħmuż.
- Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2022 hija prevista għal EUR 15 493 666,4 miljun, jiġifieri żieda ta' 4,2 % meta mqabbla mat-tbassir ta' Mejju 2021 ta' EUR 14 874 288,2 miljun.

Ir-rati tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2021 intużaw biex il-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u l-ING jinqalbu mill-munita nazzjonali għall-euro (għat-tmien Stati Membri li mhumiex membri fiż-Żona tal-Euro). Dan jevita d-distorsjonijiet peress li din hija r-rata li tintuża sabiex il-pagamenti bbaġitjati tar-riżorsi proprji jinqalbu minn euro għall-munita nazzjonali meta dawn l-ammonti jinġabru, kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill 609/2014<sup>13</sup>.

Il-previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati, tal-bażijiet tal-PPW u tal-bażijiet tal-ING għall-2022, kif adottati fil-185 laqgħa tal-KKRP, huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

---

<sup>12</sup> Id-DRP 2020 tistipula li għal kull Stat Membru l-bażi tal-VAT ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-ING. Għall-ABE 4/2022, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu u l-Portugall se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING.

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/615 tal-5 ta' April 2022 (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 51).

**Previżjonijiet riveduti tal-bażijiet tar-RPT, tal-VAT, tal-PPW u tal-ING għall-2022**

	<b>Dwana (75 %)</b>	<b>Bażijiet tal- VAT mhux limitati</b>	<b>Bażijiet tal- PPW</b>	<b>Bażijiet tal- ING</b>	<b>Bażijiet tal-VAT limitati<sup>14</sup></b>
	<b>Miljuni ta' EUR</b>		<b>tunnellati</b>	<b>Miljuni ta' EUR</b>	
BE	2 018,9	226 786,9	184 411,2	541 346,0	226 786,9
BG	117,1	37 169,6	82 439,8	73 840,7	36 920,4
CZ	359,1	108 871,2	104 626,6	256 037,5	108 871,2
DK	408,1	139 348,4	137 821,6	364 038,2	139 348,4
DE	4 412,8	1 612 525,1	1 721 224,8	3 928 198,8	1 612 525,1
EE	50,0	16 154,5	35 005,3	32 548,0	16 154,5
IE	409,9	107 700,5	245 919,9	345 299,9	107 700,5
EL	229,1	75 339,3	128 557,5	197 922,3	75 339,3
ES	1 509,9	605 080,7	800 251,7	1 306 998,1	605 080,7
FR	2 116,5	1 206 358,1	1 631 995,5	2 670 917,0	1 206 358,1
HR	44,4	34 803,3	41 326,5	60 584,3	30 292,2
IT	2 556,9	718 682,6	1 221 567,1	1 907 299,2	718 682,6
CY	27,5	18 036,1	9 161,1	23 546,2	11 773,1
LV	59,7	16 011,4	26 066,2	35 026,3	16 011,4
LT	130,8	23 222,1	27 400,1	58 255,4	23 222,1
LU	17,5	35 032,2	16 569,0	58 057,0	29 028,5
HU	232,6	67 033,3	291 860,1	158 678,8	67 033,3
MT	17,0	6 548,1	12 888,5	14 616,0	6 548,1
NL	2 932,9	415 077,5	221 683,0	920 162,2	415 077,5
AT	220,8	199 394,4	192 976,8	431 890,6	199 394,4
PL	1 162,5	304 676,1	852 340,9	616 480,8	304 676,1
PT	201,5	112 699,7	249 274,4	225 073,7	112 536,9
RO	229,3	83 454,2	319 372,8	262 454,9	83 454,2
SI	128,0	26 228,0	26 812,2	55 491,8	26 228,0
SK	116,0	41 629,6	64 029,3	104 789,5	41 629,6
FI	154,7	99 011,1	75 238,9	269 780,9	99 011,1
SE	616,3	251 727,0	119 701,3	574 332,3	251 727,0
<b>UE</b>	<b>20 479,8</b>	<b>6 588 601,0</b>	<b>8 840 522,1</b>	<b>15 493 666,4</b>	<b>6 571 411,1</b>

### 2.3 Kontribuzzjoni tar-Renju Unit

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija kkalkolata fuq il-bażi tal-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”)<sup>15</sup> u tkopri s-sehem tar-Renju Unit fl-

<sup>14</sup> L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 10 ta' qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

<sup>15</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.01.2020, p. 7.

impenji pendenti ta' qabel l-2021 li għandhom jitħallsu fl-2022 kif ukoll sehem ir-Renju Unit fl-obbligazzjonijiet tal-Unjoni (bħal pensjonijiet) u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kontinġenti. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tar-Renju Unit tinkludi wkoll l-ammonti dovuti lir-Renju Unit relatati mal-korrezzjonijiet tar-riżorsi proprji u l-aġġustamenti għas-snin finanzjarji sal-2021.

Il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit hija bbażata fuq is-sehem tar-Renju Unit<sup>16</sup>, li huwa kkalkulat bħala l-proporzjon bejn ir-riżorsi proprji li saru disponibbli mir-Renju Unit fis-snin bejn l-2014 u l-2020 u r-riżorsi proprji li saru disponibbli matul dak il-perjodu mill-Istati Membri kollha u r-Renju Unit. Is-sehem tar-Renju Unit ġie aġġustat fl-2022 skont l-Artikolu 139 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Is-sehem definittiv tar-Renju Unit ġie stabbilit għal 12,431681219587700 %.

It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-elementi tal-kontribuzzjoni stmata tar-Renju Unit li diġà kienu inklużi fil-fattura ta' April kif ukoll l-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-fattura ta' Settembru li huma magħrufa f'dan l-istadju. L-ammont rivedut tal-kontribuzzjoni tar-Renju Unit inkluż fl-ABE 4/2022 huwa kkalkulat billi jitqiesu l-modalitajiet ta' pagament stabbiliti fl-Artikolu 148 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għalhekk qed jiġi propost li l-istima introdotta fil-baġit tal-2022 tiġi aġġornata skont dan.

### Kontribuzzjoni aġġornata tar-Renju Unit fl-2022 (f'EUR)

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ	2022
<b>Kontribuzzjoni totali tar-Renju Unit fl-2022, li minnha:</b>		<b>10 916 824 186</b>
<b>1. RAL qabel l-2021 (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji netti) - dovuti għall-ħlas fl-2022</b>	Art. 140	11 634 151 069
<b>2. Obbligazzjonijiet/pensjonijiet tal-Unjoni*</b>	Art.142	264 967 111
<b>3. Korrezzjonijiet u aġġustamenti tar-riżorsi proprji, li minnhom:</b>		-621 994 538
3.1 Surplus/defiċit tal-2020	Art.136(3)(a)	-137 906 262
3.2 Aġġornamenti tal-korrezzjoni tar-Renju Unit (2018-2019)	Art.136	-497 215 183
3.3. VATu ING	Art.136	31 674 986
3.4. RPT	Art.136, Art. 140(4)	-18 548 079
<b>4. Multi</b>	Art.141	-90 166 074
<b>5. Obbligazzjonijiet kontinġenti, li minnhom:</b>		-230 135 897
5.1 Self tal-ELM, FEIS, EFSD,(Fondi ta' garanzija)	Art.143	-162 744 118
5.2 Strumenti Finanzjarji	Art.144	-73 371 665
5.3 Każijiet legali (inklużi multi)	Art.147	5 979 886
<b>6. Assi netti tal-KEFA</b>	Art.145	-37 093 133
<b>7. Investiment tal-FEI</b>	Art.146	-6 687 829
<b>8. Aċċess għal networks/sistemi/bażijiet tad-data**</b>	Art.34(2), Art. 50 and 53, Art. 62(2), Art. 63(1)(e), Art. 63(2), Art.99(3),Art. 100(2)	3 783 478
* - l-ammont ta' EUR 236 miljun se jiddaħħal fil-baġit tal-UE		

<sup>16</sup> Imsemmi fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 136(3), u fl-Artikoli minn 140 sa 147 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

	Referenza għall-Artikolu tal-Ftehim dwar il-Ħruġ	2022
<i>bħala dħul assenjat</i>		
<i>** - għandhom jiddaħħlu fil-baġit tal-UE bħala dħul assenjat</i>		

## 2.4 Multi u pagamenti ta' penali

EUR 440,5 miljun ta' multi u pagamenti ta' penali ssarrfu mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju 2022, li minnhom:

- EUR 344 miljun ta' multi tal-kompetizzjoni;
- EUR 93 miljun ta' pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stati Membri li ma osservawx is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar in-nuqqas tagħhom li jissodisfaw obbligu skont it-Trattat.
- EUR 0,6 miljun ta' imgħax konness ma' multi u ħlasijiet ta' penali;
- EUR 2,8 miljun ta' pagamenti ta' multi u pagamenti ta' penali mhux assenjati oħrajn;

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 141 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit huwa intitolat li jirċievi s-sehem tiegħu fuq ammont ta' EUR 281 miljun, inkluż fil-lista ta' hawn fuq taħt l-entrati a, c u d.

Għalhekk huwa propost li l-previżjonijiet inizjali introdotti fil-baġit tal-2022 ta' EUR 101 miljun jiżiedu b'EUR 339,5 miljun.

Fit-tabella ta' hawn taħt hemm id-dettalji għal kull linja baġitarja.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2022	ABE 4/2022	Ammont ġdid
4 2 0	Multi b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli fuq il-kompetizzjoni	100 000 000	244 178 944	344 178 944
4 2 1	Pagamenti ta' penali u somom f'daqqa imposti fuq Stat Membru	p.m.	92 892 916	92 892 916
4 2 4	L-imgħax marbut mal-multi u mal-pagamenti ta' penali	1 000 000	- 382 925	617 075
4 2 9	Pagamenti ta' multi u penali oħrajn mhux assenjati	p.m.	2 822 779	2 822 779
<b>Totali</b>		<b>101 000 000</b>	<b>339 511 714</b>	<b>440 511 714</b>

## 2.5 Kontribuzzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar

Skont l-Artikolu 145 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, l-Unjoni hija responsabbli lejn ir-Renju Unit għas-sehem tiegħu fl-assi netti tal-KEFA f'likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 (EUR 184 373 974). Ir-rimborż relatat se jsir f'ħames pagamenti akkont annwali (EUR 36 874 795) mill-2021 sal-2025.

Dawn ir-rimborżi huma kkompensati kompletament bit-trasferiment tas-sehem tar-Renju Unit fl-assi netti tal-KEFA għall-baġit tal-Unjoni fil-forma ta' kontribuzzjonijiet annwali mill-2021 sal-2025. Huwa propost li jiġi aġġustat l-ammont inkluż fil-partita tad-dħul (6 6 0 4) wara l-bidla fis-sehem tar-Renju Unit. L-ammont jinkludi d-differenza bejn il-ħlas parzjali annwali kkalkulat mill-ġdid u l-ewwel ħlas parzjali mħallas fl-2021 kif ukoll it-tieni ħlas parzjali inkluż fil-baġit tal-2022. Din il-kontribuzzjoni mill-KEFA f'likwidazzjoni għandha l-għan li tikkompensa bis-sħiħ l-effetti tat-tnaqqis korrispondenti kontabilizzati fil-kontribuzzjonijiet għall-baġit annwali tal-Unjoni tar-Renju Unit, kif irreġistrat taħt il-partita 6 6 0 2.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Baġit 2022	ABE 4/2022	Ammont ġdid
6 6 0 4	Kontribuzzjonijiet mill-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'likwidazzjoni	36 656 456	436 677	37 093 133
<b>Totali</b>				<b>37 093 133</b>

## 2.6 Impatt fuq il-kontribuzzjoni għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING għall-2022

Meta titqies il-previżjonijiet riveduti għar-RPT, il-bażi tal-VAT simplifikata ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-PPW mhux irriċiklat, l-ammont ta' riżorsi proprji għajr l-ING żdied b'EUR 3 573 896 841. Flimkien maż-żieda fid-dħul l-ieħor b'EUR 227 375 055, dan inaqqas il-kontribuzzjoni tal-ING b'EUR 3 801 271 896 meta mqabbel mal-ABE 3/2022.

Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-ekwilibriju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni Ewropea minqax fl-Artikolu 310(1) TFUE, ir-rata uniformi li għandha tiġi applikata għas-somma tal-ING kollha tal-Istati Membri trid tiġi kkalkulata mill-ġdid filwaqt li jitqies id-dħul l-ieħor kollu.

Ir-rata uniformi kkalkulata mill-ġdid għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING hija ffixsata kif ġej:

Rata uniformi li għandha tiġi applikata fuq 1 % tal-ING = (nefqa totali – dħul ieħor – ammont nett totali tar-RPT – riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT – kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-PPW mhux irriċiklat) / 1 % tal-ING

Rata uniformi:

= (170 779 320 555 – 16 357 049 309 – 20 479 800 000 – 19 714 233 150 – 6 361 164 480) / 154 936 664 000

= 0,696201085212471

Il-kontribuzzjonijiet riveduti tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING meta titqies ir-rata uniformi l-ġdida huma stabbiliti fit-tabella li ġejja:

### Sena baġitarja 2022 (f'EUR)

Stat Membru	1 % tal-bażi tal-ING użata għall-ABE 3/2022	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f'%) skont l-ABE 3/2022	1 % tal-bażi tal-ING (Previżjonijiet tal-KKRP approvati)	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (bħala %) skont l-ABE 4/2022	Differenza fl-ING
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5) = (3 x 4) - (1 x 2)
BE	5 057 284 000		5 413 460 000		- 27 886 549
BG	676 847 000		738 407 000		5 938 568
CZ	2 333 452 000		2 560 375 000		30 702 619
DK	3 504 130 000		3 640 382 000		- 96 278 908
DE	37 668 693 000		39 281 988 000		- 931 514 097
EE	300 834 000		325 480 000		749 158
IE	3 126 811 000		3 452 999 000		56 536 137
EL	1 839 768 000		1 979 223 000		- 3 264 011
ES	13 038 037 000		13 069 981 000		- 688 938 613
FR	25 958 798 000		26 709 170 000		- 893 549 337

Stat Membru	1 % tal-bażi tal-ING użata għall-ABE 3/2022	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (f%) skont l-ABE 3/2022	1 % tal-bażi tal-ING (Previżjonijiet tal-KKRP approvati)	Rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING (bħala %) skont l-ABE 4/2022	Differenza fl-ING
	(1)	(2)	(3)	(4)	(5) = (3 x 4) - (1 x 2)
HR	570 769 000	0.7507475	605 843 000	0.6962011	- 6 714 841
IT	18 548 436 000		19 072 992 000		- 646 554 066
CY	223 606 000		235 462 000		- 3 942 744
LV	329 013 000		350 263 000		- 3 152 203
LT	527 188 000		582 554 000		9 789 659
LU	463 922 000		580 570 000		55 905 186
HU	1 543 676 000		1 586 788 000		- 54 187 356
MT	135 083 000		146 160 000		343 528
NL	8 753 474 000		9 201 622 000		- 165 469 424
AT	4 140 634 000		4 318 906 000		- 101 743 544
PL	5 622 802 000		6 164 808 000		70 641 524
PT	2 234 579 000		2 250 737 000		- 110 639 036
RO	2 456 853 000		2 624 549 000		- 17 262 364
SI	508 285 000		554 918 000		4 740 825
SK	1 019 441 000		1 047 895 000		- 35 797 137
FI	2 609 882 000		2 697 809 000		- 81 144 811
SE	5 550 585 000	5 743 323 000	- 168 580 059		
<b>Totali</b>	<b>148 742 882 000</b>		<b>154 936 664 000</b>		<b>-3 801 271 896</b>

### 3. AĠĠORNAMENT TAN-NEFQA

#### 3.1 REPowerEU kapitolu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-REPowerEU<sup>17</sup> tistabbilixxi objettivi addizzjonali għal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, fejn ir-riformi u l-investimenti meħtieġa għalihom jiġu deskritti f'kapitlu ddedikat. Flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-miżuri ffinanzjati taħt l-RFF, inkluż il-kapitlu REPowerEU tagħha, u l-azzjonijiet appoġġati permezz ta' fondi nazzjonali jew tal-Unjoni oħrajn.

B'mod aktar speċifiku, il-proposta tinkludi flessibilità akbar għall-Istati Membri biex jittrasferixxu r-riżorsi allokatilhom kemm skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni<sup>18</sup> kif ukoll skont ir-Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK<sup>19</sup>. Fil-prattika, dan jippermetti lill-Istati Membri - diġà mill-2022 - jittrasferixxu fuq bażi volontarja sa 7,5 % tal-allokkazzjonijiet inizjali tagħhom tal-FEŻR, tal-FK, tal-FSE+ u tal-FEMSA għall-kapitolu REPowerEU tal-RRF. Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li taġġusta n-nomenklatura tal-baġit u toħloq erba' linji baġitarji ġodda fi ħdan il-programmi rilevanti, mingħajr approprjazzjonijiet, biex takkomoda t-talbiet ta' trasferiment volontarju mill-Istati Membri.

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
05 02 11	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FEŻR	p.m.	p.m.
05 03 09	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FK	p.m.	p.m.
07 02 14	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - Kontribuzzjoni mill-FSE+	p.m.	p.m.
08 04 06	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FEMSA	p.m.	p.m.
<b>Totali</b>		<b>0</b>	<b>0</b>

L-approprjazzjonijiet imbagħad se jiġu trasferiti għal dawn il-linji l-ġodda, f'konformità mat-talbiet ta' trasferiment tal-Istati Membri.

#### 3.2 Estensjoni tal-mandat tal-Eurojust biex tiġbor u taħżen evidenza dwar id-delitti tal-gwerra

Ir-Regolament<sup>20</sup> li jestendi l-mandat tal-Eurojust biex jappoġġa lill-Ukrajna fil-ġbir, il-preservazzjoni u l-analiżi ta' evidenza relatata ma' delitti tal-gwerra ġie adottat malajr. Sabiex l-aġenzija tkun tista' twettaq il-mandat il-ġdid tagħha mingħajr dewmien, l-Eurojust jeħtieġ li tissaħħaħ diġà fl-2022 bi 11-il aġent temporanju, żewġ aġenti kuntrattwali u tliet esperti nazzjonali sekondati. Konsegwentement, kariga waħda fil-grad AST4, seba' karigi fil-grad AD5 u tliet postijiet fil-grad AD7 huma proposti li

<sup>17</sup> COM(2022) 231, 18.5.2022.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 fir-rigward tal-preservazzjoni, l-analiżi u l-ħżin fil-Eurojust ta' evidenza relatata ma' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati.

jiżdiedu mal-pjan ta' stabbiliment, f'konformità mal-gradi li diġà ġew inklużi fit-talba tal-Abbozz tal-Baġit tal-2023. Fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni, l-impatt fuq in-nefqa fl-2022 kien stmat għal EUR 1 581 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, sabiex ikopri n-nefqa fuq is-salarji u l-iżvilupp ta' bażi tad-*data* tal-IT. Il-Kummissjoni se tirrevedi r-rinfurzar meħtieġ tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-Eurojust fid-dawl taż-żmien mistenni għar-reklutaġġi attwali matul l-2022 u l-ambitu għal riallokazzjoni fi ħdan il-baġit globali tal-Eurojust, u biġnsieba tiffinanzja l-bilanċ permezz ta' riallokazzjonijiet interni fl-istess qasam ta' politika.

L-anness baġitarju jinkludi pjan ta' stabbiliment aġġornat tal-Eurojust.

#### **4. FINANZJAMENT**

L-ebda approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament addizzjonali ma huma mitluba taħt il-baġit tal-2022. In-naħa tad-dħul tal-baġit hija proposta li tiġi aġġustata kif stabbilit f'dan l-ABE 4/2022.

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

	Baġit 2022 (inkl. BE 1/2022, BE 2/2022 & ABE 2/2022)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju 4/2022		Baġit 2022 (inkl. BE 1/2022, BE 2/2022, ABE 2/2022 & ABE 4/2022)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA
<b>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</b>	<b>21 775 079 340</b>	<b>21 473 535 651</b>			<b>21 775 079 340</b>	<b>21 473 535 651</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	21 878 000 000				21 878 000 000	
<i>Marġini</i>	102 920 660				102 920 660	
<b>2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri</b>	<b>67 644 377 865</b>	<b>62 052 771 658</b>			<b>67 644 377 865</b>	<b>62 052 771 658</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	67 806 000 000				67 806 000 000	
<i>Marġini</i>	161 622 135				161 622 135	
<b>2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali</b>	<b>61 314 192 324</b>	<b>56 350 922 710</b>			<b>61 314 192 324</b>	<b>56 350 922 710</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	61 345 000 000				61 345 000 000	
<i>Marġini</i>	30 807 676				30 807 676	
<b>2b. Reżiljenza u valuri</b>	<b>6 330 185 541</b>	<b>5 701 848 948</b>			<b>6 330 185 541</b>	<b>5 701 848 948</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	6 461 000 000				6 461 000 000	
<i>Marġini</i>	130 814 459				130 814 459	
<b>3. Riżorsi Naturali u Ambjent</b>	<b>56 681 112 059</b>	<b>56 601 766 838</b>			<b>56 681 112 059</b>	<b>56 601 766 838</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	56 965 000 000				56 965 000 000	
<i>Marġini</i>	283 887 941				283 887 941	
<b>Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti</b>	<b>40 368 859 305</b>	<b>40 393 039 132</b>			<b>40 368 859 305</b>	<b>40 393 039 132</b>
<i>Sottolimitu massimu tal-FAEG</i>	41 257 000 000				41 257 000 000	
<i>Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni</i>	800 000				800 000	
<i>Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	-618 000 000				-618 000 000	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	40 639 000 000				40 639 000 000	
<i>Sottomarġni tal-FAEG</i>	270 140 695				270 140 695	
<b>4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri</b>	<b>3 360 000 000</b>	<b>3 254 270 962</b>			<b>3 360 000 000</b>	<b>3 254 270 962</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	3 360 000 000				3 360 000 000	
<i>Marġini</i>	0				0	
<b>5. Sigurtà u Difiża</b>	<b>1 812 327 699</b>	<b>1 237 861 185</b>			<b>1 812 327 699</b>	<b>1 237 861 185</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	1 896 000 000				1 896 000 000	
<i>Marġini</i>	83 672 301				83 672 301	
<b>6. Viċinat u d-Dinja</b>	<b>17 170 442 918</b>	<b>12 916 051 937</b>			<b>17 170 442 918</b>	<b>12 916 051 937</b>
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	368 442 918				368 442 918	

	<i>Limitu</i>	16 802 000 000				16 802 000 000	
	<i>Marġini</i>						
<b>7.</b>	<b>Amministrazzjoni Ewropea</b>	<b>10 620 124 324</b>	<b>10 620 224 324</b>			<b>10 620 124 324</b>	<b>10 620 224 324</b>
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilita</i>						
	<i>Limitu</i>	11 058 000 000				11 058 000 000	
	<i>Marġini</i>	437 875 676				437 875 676	
	<b>li minnhom: amministrattiva istituzzjonijiet</b>	<b>8 287 945 711</b>	<b>8 288 045 711</b>			<b>8 287 945 711</b>	<b>8 288 045 711</b>
	<i>Sottolimitu</i>	8 528 000 000				8 528 000 000	
	<i>Sottomarġni</i>	240 054 289				240 054 289	
	<b>Approprijazzjonijiet għall-intestaturi</b>	<b>179 063 464 205</b>	<b>168 156 482 555</b>			<b>179 063 464 205</b>	<b>168 156 482 555</b>
	<i>Limitu</i>	179 765 000 000	169 209 000 000			179 765 000 000	169 209 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilita</i>	368 442 918	467 248 692			368 442 918	467 248 692
	<i>Marġini</i>	1 069 978 713	1 519 766 137			1 069 978 713	1 519 766 137
	<b>Strumenti speċjali tematiċi</b>	<b>2 799 170 382</b>	<b>2 622 838 000</b>			<b>2 799 170 382</b>	<b>2 622 838 000</b>
	<b>Total tal-approprijazzjonijiet</b>	<b>181 862 634 587</b>	<b>170 779 320 555</b>			<b>181 862 634 587</b>	<b>170 779 320 555</b>